MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2010

Numru 1250/2006

**PULIZIJA**
**SPETTUR RAYMOND AQUILINA**
**SPETTUR MALCOLM SPITERI**
**VS**
**JOE (JOSEPH) GALEA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Joe (Joseph) Galea ta' 38 sena, iben Johnny u Lilly xebba Zammit, imwieled il-Pieta' nhar 19 ta' Dicembru 1968, residenti Numru 60, Triq Gafar, Sliema u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 3969(M).

Illi huwa akkuzat talli fl-24 ta' Novembru 2006 u fix-xhur ta' qabel din id-data, gewwa *ommissis*, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

a) Eccita, ghin jew iffacilita' l-korruzzjoni ta' *Ommissis A* u *Ommissis B*, minorenni ta' *ommissis*-il sena;
b) Akkwista, zamm, iccirkola jew esporta xi stampat, tpingija, ritratt, *film*, ktieb, kartolina jew kitba pornografika jew oxxena jew xi oggett iehor, ikun li jkun, pornografiku jew oxxen, kemm jekk jixbah lil dawn ta' hawn fuq kemm jekk le.

Il-Qorti hija mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini ta' l-Artikolu 412(C) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa.

F'kaz ta' htija l-Qorti hija mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta' ta' *Ommissis A* u *Ommissis B* u l-familja taghhom ai termini ta' l-Artikolu 383 et sequitur, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali (fol.194) taht liema Artikoli din il-Qorti tista' ssib htija fl-imputat;

Rat il-verbal datat 29 ta' Mejju 2008 (fol.195) fejn l-imputat ma sabx oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-Prosekuzzjoni datat 4 ta' Novembru 2009;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi mix-xhieda ta' *Ommissis FA* (fol.20 et. seq.) jirrizulta illi hu u l-imputat joqghodu fl-istess triq, ftit bibien 'il boghod minn xulxin, it-tfal taghhom kienu hbieb ta' xulxin u ibnu *Ommissis A*, ta' *ommissis* (*ommissis*)-il sena. Dan kien

imur ghand l-imputat, maghruf bhala Joe il-Bugan u kien igib xi DVD ta' *film* adattati ghat-tfal u joqghod d-dar jarahom. *Ommissis FA* xehed illi l-familja kienu mithla sew ta' xulxin, kienu johorgu flimkien u jmorru *picnics* flimkien.

*Ommissis FA* xehed li ibnu kien jinnaviga sew fil-kompjuter u kien jqatta' zmien konsiderevoli fuqu u li l-kompjuter kien fil-kamra tat-tifel (*Ommissis A*). *Ommissis FA* xehed li ibnu kien mar ghand l-imputat u gab DVD flimkien ma' siehbu *Ommissis B*

A fol.25 et.seq., *Ommissis A* xehed li hu kellu *ommissis* (*ommissis*)-il sena u jattendi Junior Lyceum u li fis-Sajf kien mar ghand Joe Galea, l-imputat, maghruf bhala Joe il-Bugan, u "Dan sellifni d-DVD" (a fol.26)

*Ommissis A* sostna li huwa kien mar ghazel DVD, u li l-imputat kien tah dan id-DVD partikolari u qallu il-kliem:

"*Jekk trid hudu u arah ukoll hux."* (fol.28)

*Ommissis A* xehed illi hu ra *clip mid-DVD* fuq il-kompjuter tieghu u ghamel kopja ghal siehbu *Ommissis B*, li minn naha tieghu ghadda din il- kopja lil tifel iehor, izda inqabad mill-ghalliema ta' l-iskola u giet imsejha l-Pulizija.

A fol.26, *Ommissis A* xehed li jaf jahraq kopja ta' CD u/jew DVD fuq il-kompjuter tieghu f'kamartu u li kellu l-*equipment* biex jaghmel dan. Muri d-DVD (l-ezebit RAX) *Ommissis A* **<u>gharafha bhala DVD li huwa kien ikkopja mill-original allegatament moghti mill-imputat</u>**. *Ommissis A* gharaf il-kitba tieghu fuq id-DVD u kkonferma li kienet l-istess li ghadda lil *Ommissis B*, u li *Ommissis B* inqabad biha mil-ghalliema ta' l-iskola.

In kontro ezami, *Ommissis A* kkonferma li kien midhla sew tal-familja ta' l-imputat, li kien jmur sa ghandu xi darbtejn fil-gimgha u li l-imputat kellu tifla tamparu. Xehed li kien imur jaghzel il-*films* minn fuq l-ixkafef ta' l-imputat li kienu jkunu fil-kamra fuq id-*desk* tieghu fejn il-kompjuter. Illi wara dan kien jmur jilghab ftit *football* mat-tfal tieghu.

Huwa stqarr illi kien jhobb jara "*action films"* u li dawn kien jarahom ma' ohtu d-dar tieghu (ta' *Ommissis A*). Mistoqsi, *Ommissis A* xehed li kien hu li l-ewwel qabad dan id-DVD f'idejh u li hemmhekk l-imputat qallu li seta jiehdu.

*Ommissis A* xehed li kif qabad id-DVD kien jaf li kien *film* pornagrafiku u li t-*title* kien "Vol.3 Sex Millenium," kellu stampa ta' mara "*imma ma kinitx gharwiena l-mara li kellu"* (fol..33)

A fol.34, *Ommissis A* jinnega li qatt dahal f'*sites* tal-kbar fuq il-kompjuter u dan **lanqas b'kurzita ghaliex kien jibza li jiddobba xi *virus***. Qal ukoll li minkejja li l-kompjuter kien f'xi zmien protett kontra l-pornografija permezz ta' programm appozitu, dan il-programm gie mhassar minn fuq il-kompjuter il-ghaliex ommu kienet sabet diffikolta' taqra l-*emails* taghha.

*Ommissis A* kkonferma li kellu protezzjoni kontra l-*viruses* permezz tal-programm AVG.

A fol.35, *Ommissis A* xehed li gieli kien jikseb DVD minghand certu *ommissis*, izda dan id-DVD partikolari kien inghata mill-imputat.

Mitlub jghid il-ghaliex hass li kellu jaghti kopja ta' DVD lil *Ommissis B*, *Ommissis A* jghid li kien *Ommissis B* li talabulu. *Ommissis A* fehem illi DVD kien *"porn"* u fehem li *Ommissis B* kien ukoll jaf x'tip ta' *film* kien ghaliex ra t-titolu: ***"Mit-titolu jurik hux."*** (ara fol.40)

*Ommissis MB*, omm *Ommissis B*, stqarret li hija kienet giet mitkellma mill-kap ta' l-iskola tat-tifel taghha in konnessjoni ma' DVD tal-pornografija, misjub fil-pussess ta' binha u sussegwentement il-Pulizija kellmu lil *Ommissis B* fil-prezenza taghha. Hija xehedet illi *Ommissis B* qal li *Ommissis A* kien tah id-DVD u li dan kien kisbu mill-imputat. Hija xehedet li *Ommissis B* kien mar ghand l-imputat f'okkazzjoni wahda li hija taf biha.

*Ommissis B* (a fol.45 et. seq.) xehed li kellu d-DVD, li kien qed jitkellem ma’ habib tieghu, *Ommissis C*, u dan ta’ l-ahhar talabulu.

Illi ghalhemm kien ha DVD l-iskola biex isellifulu u l-ghalliem kien qabadhom u d-DVD gie mghoddi lil *Head Teacher*.

*Ommissis B* xehed illi *Ommissis A* kien qallu li kellu *blue film* li tahulu Joe u li kien ser isellifulu.

*Ommissis B* jinnega illi kien ma’ *Ommissis A* meta Joe tah il-*blue film*. *Ommissis B* xehed li din kienet l-ewwel darba li *Ommissis A* ghaddielu *blue film* pero’ *Ommissis A* kien jghaddielu *films* ohra ghax kien jaf jikkupjahom (fol.47).

*Ommissis B* spjega illi huwa ma kienx prezenti ma’ *Ommissis A* meta Joe tah il-*film*. Ikkonferma wkoll illi l-gurnata ta’ qabel kien waqfu hu l-imputat u li huwa *Ommissis B* qal b’dana kollu lill-Ispettur Raymond Aquilina.

*Ommissis B* xehed li kien ra l-kaxxa tad-DVD. Xehed li kien mar ma’ *Ommissis A* fis-ghand l- imputat biex jissellfu dinghy. *Ommissis B* xehed li qaghad barra jistenna u li x’aktarx *Ommissis A* hareg barra u baqa’ hdejh. *Ommissis B* xehed illi kiseb il-permess ta’ *Ommissis A* qabel ma kien ser isellfu DVD lil *Ommissis C*. Muri l-ezebit RAX, *Ommissis B*, gharfu bhala l-istess DVD li tah *Ommissis A* (ara xhieda a fol.55).

Spettur Malcolm Spiteri kkonferma r-rapport maghmul mill-kap ta’ l-iskola *Ommissis*, Gzira, *Ommissis S*, dwar sejba ta’ DVD pornografiku f’idejn zewg (2) studenti. Illi gew mitkellma *Ommissis A* u *Ommissis B*, li qalu li kienu gabu l-*video* li ghazel l-imputat. Gew imsejha Mario Bezzina mic-*Child Services* u ta’ l-Appogg. Intalab immedjatament mandat ta’ arrest u tfittxija u gie arrestat l-imputat, gie elevat il-kompjuter tieghu u elevati d-DVDs kollha – **ebda DVD pornografiku ma nstab.** Gew ezebiti zewg (2) stqarrijiet ta’ l-imputat (Dok.MS1 u Dok.MS2 a fol.85 et. seq.)

Fl-istqarrija tieghu, l-imputat Joe Galea, iddikjara li huwa kien ikko-opera bis-shih mal-Pulizija fit-tfittxija li saritlu d-dar u **ma kellu ebda DVD pornografiku**. Stqarr li ma tantx jaf juza l-kompjuter li kien ilu ghandu xi sena. Ikkonferma li DVD li kellu kien xtrahom minn fuq il-monti tal-Belt u nhawi ohra. Qal li l-katnazz ghal kamra ta’ DVD kienet sabiex it-tifla z-zghira ma tqalliblux DVD’s kollha ma’ l-art.

**Fit-tieni stqarrija tieghu l-imputat jtenni l-istess verzjoni, anzi jghid illi huwa qatt ma ghamel kopja ta’ DVD lil *Ommissis A*, li l-kompjuter tieghu lanqas ghandu DVD-*writer*, izda li *Ommissis A* “*Ghandu double biex jaghmel il-kopji”* (fol.89)**

L-ezebit Dok.RAX gie konsenjat lil Cecilia Xuereb (fol.95) Espert nominat mill-Qorti ghal ezami taghha.

PS 1136 Fabian Fleri ezebixxa l-okkorrenza (Dok.PS) u kkonferma li eleva l-kompjuter ta’ l-imputat.

Mario Bezzina, *Child Safety Officer*, (a fol.101) ikkonferma x-xhieda ta’ l-Ufficjal Prosekutur u qal li apparti *Ommissis A*, *Ommissis B* u *Ommissis C*, kien hemm xi tlett (3) studenti ohra li kienu raw id-DVD. Hu qasam il-hsibijiet tieghu bil- manjiera li biha il- minuri nghata d-DVD bla flus, ghaliex dan seta kien formanti parti minn process ta’ *“grooming”,* assocjat ma’ *sexual abuse*.

Kap ta’ l-iskola, *Ommissis S*, ikkonferma l-verzjoni tal-fatti ta’ l-Ufficjal Prosekutur u ta’ rendikont tal-mizuri li ttiehdu fir-rigward tal-minuri involuti l-genituri taghhom, ic-*Child Safety Officer,* Appogg u l-Pulizija.

Cecilia Xuereb (a fol.112) xehedet illi l-ezebit **Dok.RAX kien jikkontjeni sebgha u ghoxrin (27)-il filmat pornografiku** u tat l-analizi taghha fid- dettal f’Dok.CX (a fol.114).

*Ommissis S*, fit-tieni xhieda tieghu, iddikjara illi huwa kien sab DVD fil-basket ta’ l-iskola ta’ *Ommissis B*.

PS 266 Stephen Decelis, addett mas-*Cyber Crime Unit*, ikkonferma li wara li sar ezami intensiv fuq l-*equipment* ta' l-imputat, ***"ma nstab xejn,"* la fit-tlett elef u hames mitt (3,500) *archive files*, la fil-hmistax (15)-il *movie*, *Power Point Presentations*, fit-*chat logs*, *log files* tac-*chat;* kien kollox negattiv ghal pornografija – "*Jigifieri min naha taghna, dan il-file ma nstab imkien"* (a fol.154).** PS Decelis xehed illi fil-2006, il-kompjuter koncernat lanqas biss intuza.

*Ommissis MC* xehedet li ma kienet taf xejn dwar il-kaz il-ghaliex kien r-ragel taghha li kellem lid-dirigenti ta' l-iskola ta' binha *Ommissis C*.

*Ommissis C* (a fol.159) xehed illi *Ommissis B*, qallu li kellu *film*, staqsieh riedtx jarah u *Ommissis C* accetta. Wara xi ftit hin, *Ommissis B* talabulu lura u **kien f'dan l-iskambju li nqabdu mill-ghalliem**. *Ommissis C* xehed li din kienet l-ewwel darba li *Ommissis B* tah *video* pornografiku.

Spettur Raymond Aquilina (a fol.165) ezebixxa certifikat tat-twelid ta' *Ommissis C*.

Bridgett Mifsud Pavia, addetta mac-*Chld Safety Services* mad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni (a fol.170) tat rendikont ta' sehem taghha f'dan il-kaz. Hija kkonfermat **li ma kellmet lil ebda wiehed mit-tfal koncernati.**

Daniela Pace (a fol.179) ma kellha ebda kontribut x'taghti f'dan il-kaz.

*Ommissis FC*, missier *Ommissis C* (a fol.180), ikkonferma x-xhieda ta' ibnu *Ommissis C*.

Daniela Sciberras, *Child Protection Services*, Appogg, ikkonfermat li hija ma kellmitx lil *Ommissis A*, *Ommissis B* jew *Ommissis C*, stante li l-proceduri legali kienu gia' inizjati. Kellmet **lit-tlett (3) itfal** ohra u lil genituri li ssemmew pero' rrizultalha li dawn l-ahhar tlett (3) itfal **ma kienux raw il-filmat pornografiku.**

Joe Galea (a fol.204 et. seq.) xehed illi huwa kien mizzewweg bi tlett (3) itfal bniet ta' *ommissis* (*ommissis*), *ommissis* (*ommissis*) u *ommissis* (*ommissis*) snin. Xehed li jahdem ma' MSG *Silencors*, San Gwann u li d-delizzji tieghu kienu l-annimali u *films* antiki – tant li kellu kollezzjoni ta' madwar tlett mitt (300) DVD. Huwa xehed **li ma kellux *internet* u ma riedux** u li ma jafx jikkopja *films*, izda bintu kienet taf taghmel dan. Huwa xehed illi kien jikri l-*films* minghand certu *ommissis* u li l-kompjuter ma kienx jaf juzah u kienet tixeghelulu t-tifla tieghu. **Fil-fatt, meta xtara l-kompjuter kien jigi *Ommissis A* id-dar u jghallem lit-tfal tieghu (ta' l-imputat) kif juzawh.**

L-imputat jinnega li qatt ta xi DVD lil *Ommissis A* u **jsostni li kien jigi missier *Ommissis A* darba fil-gimgha u kien jitolbu DVD li l-imputat kien jatihom lil missieru (missier *Ommissis A*).**

L-imputat ikkonferma l-istqarrija tieghu u baqa jishaq b'aktar mod vociferu illi huwa qatt ma kellu fil-pussess tieghu *films* pornografici. Innega li ta xi filmat ta' din il-kwalita' lil *Ommissis A* u ddikjara li dan seta jikkupjah mill-*internet*. Jirrizulta b' mod ampju (ara stqarrija a fol.87 u xhieda ta' l- imputat a fol.223) illi **l-imputat ma jafx jaqra.** Hu stqarr illi meta rcieva t-*tower* tal-kompjuter lura minghand il-Pulizija dan kellu l-hsara u kellu jhallas erbghin Lira Maltin (Lm40) biex jirrangah. A fol.222, xehed illi huwa ma jafx jikkopja *movies* fuq il-kompjuter u kien jghaddihom ghand *ommissis* biex jaghmilhomlu.

L-imputat (a fol.222) jghid:

*"Le d-DVD qatt ma kelli jiena fuqu jigru. Dawn l-affarijiet qatt ma tghajtu jien lil Ommissis A. Nibqa' nghid, nahlef jigifieri sa kemm immut li dawn l-affarijiet qatt ma kelli d-dar jien u lanqas jidhlu. Jien tfal ghandi. Lanqas ghal uzu personali tieghu ma ndahhalhom id-dar dawk. Jien ghandi l-mara bizzejjed hux, u t-tfal. Ghandi lil min niehu hsieb."*

*Ommissis MA* (a fol.227 et sec) ikkonfermat illi l-kompjuter ta' binha kellu l-hsara, **illi kienet gabet it-*technician* u**

**saret taf li ma kienx vale la pena li jissewwa dan il-kompjuter li ntrema f'Ottubru 2008.**

Giet ezebita nota bi stima ta' hsarat fuq il-kompjuter ta' l-imputat (cioe tnejn u erbghin euro punt hamsa u sittin centezmu (€42.65).

Fit-tieni xhieda taghha, *Ommissis MA* xehedet illi t-*technician* kien *Ommissis T* (ara fol 241).

*Ommissis T* ikkonferma li kien mar jaghmel xoghol ta' tiswija fuq il-kompjuter ta' *Ommissis A*; li sab hsara fizika fil-Hard Disk, li xi jumejn wara dan tahom stima tat-tiswijiet u li *Ommissis A* ddecidew li jibdlu l-kompjuter addiritura (fol 245 et. seq.).

Ikkonsidrat:

Illi l-Qorti fliet bir-reqqa u evalwat ix-xhieda moghtija mill-minuri f'dan il-kaz u l-genituri taghhom fuq banda wahda, u x-xhieda prodotta mid-Difiza fuq in-naha l-ohra, u dana kollu ghal evalwazzjoni ta' kredibilita' tax-xhieda, f'dan il-kaz, huwa wiehed mill-aktar difficli illi l-Qorti kellha quddiema. Dan qieghed jinghad il-ghaliex, il-Qorti, permezz ta' tlett (3) *video conferencing*, sehemet ix-xhieda ta' tlett (3) *teenagers* kontrastant din max- xhieda ta' l-imputat u r-rezultanzi ta' l-analizi tas-*Cyber Crime Unit* fuq in-naha l-ohra.

Mill-assjem tax-xhieda, dak illi jirrizulta inkontestat huwa s-segwenti:

1) Illi **l-imputat huwa persuna illi ma jafx jaqra**. Dana rrizulta kemm mill-istqarrija illi ttiehdet a tempo vergine (ara fol.87) kif ukoll mix-xhieda (ara fol .222) ta' l-imputat;
2) Illi l- imputat ma kienx kompjuter *literate* u li kienet bintu li kienet tixghellu l-kompjuter biex hu jkun jista' jilghab biss il-*games* fuq il-kompjuter;
3) Illi mit-tfittxija ntensiva li saret mill-Ufficjali addetti ghas-*Cyber Crime Unit*, ma nstabet ebda xamma ta' materjal pornografiku, la fil-kwantita' konsiderevoli ta'

filmati (318 DVD's), la fil-*Hard Disk* tal-kompjuter jew apparat konness u, certament, ebda materjal pornografiku f'*chat/emails/etc*…;

**4)** Illi, jirrizulta mill-atti processwali, illi ma kienx hemm trapazz ta' zmien **bejn is-sejba ta' dan id-DVD f'idejn *Ommissis B* u *Ommissis C* u l-mandat u ordni ta' tfittxija illi twettqtu mill-Pulizija;**

5) *Ommissis A*, ta' *ommissis* (*ommissis*)-il sena, kien *computer savvy,* konfidenti fl-uzu ta' l-*internet* u kellu *equipment*, inkluz *equipment* addattat sabiex jigu kkuppjati jew jinharqu *DVDs*;

6) Tant huwa hekk illi *Ommissis A* haraq kopja ta' dan id-DVD u ghaddieh lil *Ommissis B*, fuq liema DVD kien hemm il-*handwriting* ta' *Ommissis A*, fatt dan ikkonfermat minnu stess;

7) Il-protezzjoni kontra l-pornografija fil-kompjuter tal-minuri *Ommissis A*, kien **gie mhassar** il-ghaliex omm *Ommissis A* ma setghetx taqra l-*emails* (a fol.35);

8) Illi l-kompjuter ta' *Ommissis A* **kien protett kontra l-*viruses*,** permezz ta' programm appozitu (a fol.34).

Ikkonsidrat:

Biex dan l-ezami jsir skond il-Ligi, il-Qorti trid tevalwa l-principji enuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

**"637. Any objection from any of the causes referred to in articles 630, 633 and 636, shall affect only the credibility of the witness, as to which the decision shall lie in the discretion of those who have to judge of the facts, regard being had to the demeanour, conduct, and character of the witness, to the probability, consistency, and other features of his statement, to the corroboration which may be forthcoming from other testimony, and to all the circumstances of the case."**

Din il-Qorti tibda biex tghid illi fix-xhieda tieghu, il-minuri *Ommissis A* deher *tense* hafna waqt it-tehid tat-

testimonjanza tieghu u fl-ewwel parti tax-xhieda tieghu beda jipprova jostura l-fatt li huwa kien aktar minn sempliciment *computer literate*, pero' fil- kontro ezami, hareg abbasta car, illi dan it-tifel huwa kapacissimu fil-*computers* u jaf jinnavika sew anke fuq l-*internet*. Il-Qorti deherilha wkoll illi dan il- minuri kien pjuttosta riluttanti biex jgharraf lil Qorti bil- livell gholi tal- kapacita' tieghu f' dan il- qasam. *Ommissis A* ried lil Qorti tkun perzwaza illi meta mar ghand l-imputat u, allegatament, gie moghti d-DVD koncernat, *Ommissis B* kien mieghu. Dan l-istat ta' fatt gie, kategorikament, michud minn *Ommissis B* li kkonferma li ghand **l-imputat kien mar darba wahda biss u dana sabiex inizzlu dinghy kbir** minghand l-imputat u jmorru l-bahar u **ma ftakarx li *Ommissis A* kellu xi DVD jew xi basket f'idejh.**

Illi, minkejja dak illi jghid *Ommissis A* illi huwa qatt ma dahal fuq *sites* tal-kbar jew *sites* tal-pornografija u li qatt ma kellu fil-pussess tieghu xi filmat pornografiku, ix-xhieda tieghu turi illi dan il-minuri kien **intiz ukoll fuq dan is-suggett** u kien pront immens jispjega r-raguni il-ghaliex il-kompjuter tieghu **ma kienx protett kontra l-pornografija** u cioe il-ghaliex il-mama tieghu ma setghetx taqra l-*emails*. Kellu wkoll skuza il-ghaliex ma jidholx f'dawn is-*sites* pornografici il-ghaliex **inkella "Tlaqqat xi *virus*."** Din il-Qorti tistaqsi:

**'Dan it-tifel ta' *ommissis* (*ommissis*)-il sena, kif jafhom dawn l-affarijiet?'**

***Ommissis T*, *computer technician*, ikkonferma illi huwa kien wettaq tiswijiet fuq il-kompjuter tal- minuri *Ommissis A* diversi drabi, <u>meta dan il-kompjuter kien ikollu xi *virus* u li kien jaghmel procedura ta' *disinfestation* fuq l-istess</u>, pero' ma setghax jghid, kemm-il darba, dawn il-*viruses* trikbux meta gie accessat xi sit tal-pornografija, ghalkemm jammetti illi dawn il-*viruses* huma komuni hafna f'dawn is-*sites*.** Huwa xehed bl-aktar mod nebolus ghal rigward tal-hsarat li kellu dan il-kompjuter l-ahhar darba illi kellu jaccedi ghand il-familja *Ommissis FA* u jghid illi kienet *'a physical*

*failure’* tal-Hard Disk. Illi huwa risaput, bdil ta’ *Hard Disk*, illum il-gurnata **ma jiswiex xi flus kbar**.

**Eppure, il-genituri ta’ *Ommissis A* deherilhom illi kellhom jiskrappjaw, addirittura, kull bicca *equipment*, addett ma’ dan il-kompjuter u jixtru *laptop* ghal *Ommissis A*, bi spiza ta’, approssimament, sebgha mitt euro (€ 700).**

*Ommissis C* jaf biss dak illi qallu *Ommissis B*.

Missier *Ommissis A* **deher skonvolt immens, waqt ix-xhieda tieghu**, il-ghaliex il-familja tieghu u l-familja ta’ l-imputat kienu gara u kienu hbieb kbar mill-antik, johorgu flimkien, jaghmlu *barbeques* flimkien, ma kellu xejn xi jghid fuq l-imputat, **hlief illi kien jafu bhala ragel ta’ l-affari tieghu u li qatt ma ra ghajn hazina minnu.**

Minn naha tieghu, l-imputat innega kollox, b’mod kwiet izda assidwu, baqa jishaq fuq l-innocenza tieghu, innega l-allegazzjonijiet kollha maghmula fiz-zewg stqarriji tieghu (Dok.MS1 u Dok.MS2) u ddecieda li jiehu l-pedana tax-xhieda fejn rega’ cahad l-allegazzjonijiet kollha. Huwa xehed illi kien ragel mizzewweg bi tlett (3) ibniet zghar, tampar it-tfal tal-familja *Ommissis FA*, u li ma kienx ser johlom li jhalli materjal pornografiku fejn setghu jilhquh it-tfal tieghu stess. Ghalih din kienet haga inkoncepibbli. Stqarr li l-mara tieghu tibbastah u li qatt ma fittex il-pornografija. Mitlub jispjega l-kwistjoni tal-katnazz, l-imputat ikkonferma illi c-cavvetta ta’ dan il-katnazz kienet tinzamm fl-istess katnazz (kif fil-fatt sabuha l-Pulizija) u li dan kien jintuza biss il-ghaliex l-izghar tifla tieghu kienet taqliblu d-DVDs ma’ kullimkien.

Ikkonsidrat:

Il-Qorti tistaqsi, il- versjoni ta’ *Ommissis A* ‘Ghandha mis-sewwa? Huwa veru simili li persuna li ma jafx jaqra, jista’

jiddawnlowdja l-pornografija minn fuq il-kompjuter? Huwa verosimili, illi wara li jnizzel il-pornografija fuq l-*internet*, ikollu l-abilita' biex jahraq dan il-materjal fuq DVD, meta ma jafx jaqra? Huwa verosimili illi persuna li, mhux biss huwa vvizzjat mill-pornografija, izda jrid jikkorrompi lil zghazagh minuri bl-istess, ma ssiblux tracca ta' materjal tal-pornograija fuq il-kompjuter tieghu? Huwa verosimili illi ragel bi tlett (3) itfal jakkwista DVDs pornografici minghand terzi, jipprova jqassamhom lil minuri, pero' ma jinstab ebda DVD pornografiku iehor fid-dar kollha?'

Apparti dawn l-improbabilitajiet, il-Qorti hija rinfaccjata minn minuri illi din il-Qorti in fatti nqabad minn ghalliema ta' skola ohra, b'materjal pornografiku, u jrid jara kif ser jaghmel biex jehles mill-htija u mill-konsegwenza tal-korla tal-genituri tieghu.

Illi l-Qorti taghmel accenn ghall-inkonsistenza tax-xhieda ta' *Ommissis B* u *Ommissis A* dwar l-akkwist ta' dan id-DVD u taghmel accenn akbar ghal manjiera illi biha ***Ommissis A* kien jaf illi d-DVD kien ta' materjal pornografiku, mhux mill-istampa fuq dan id-DVD, izda mill-kliem (ara xhieda a fol.40).** Il-Qorti taghmel accenn ukoll illi meta *Ommissis B* gie mistoqsi, jekk dan id-DVD kienx l-ewwel wiehed illi gie moghti minn *Ommissis A*, **jirrispondi, "Lili iva." (ara xhieda a fol.46)**

Il-parti principali li din il-Qorti taghraf illi huwa l-pern ghal nuqqas ta kredibilita' ta' xhieda ta' *Ommissis A*, huwa l-kliem ta' dan il- minuri stess ghal rigward id-*data protection*/*viruses/*siti ta' pornografija. Dan it-tifel, li, kif diga' ntqal aktar 'il fuq, huwa *a computer savvy*, haseb illi ser jitlef lil Qorti u lil Avukati Difensuri f'*computer jargon* u jghid, f'nifs wiehed, illi protezzjoni kontra l-pornografija kellhom, izda ommu nehhiet din il-protezzjoni ghaliex ma setghetx taqra l-*emails*, stat ta' fatt illi huwa manifestament inveritier. Jghid li ma jidholx fis-*sites* pornografici, mhux ghax dan huwa hazin ghalih, izda ghax jibza li jlaqqat *virus* u l-Qorti tistaqsi, "Dan il-kompjuter suppost kien protett kontra l-*viruses*, jekk kien hekk

‘protett kontra l-*viruses*’, x’kienet ir-raguni illi *Ommissis T* kellu jaccedi ghand il-familja *Ommissis FA*, diversi drabi, biex iwettaq *disinfestation?* Jew kienx, ferma aktar, verosimili, illi *Ommissis A*, kien ivvizja ruhu fuq il-pornografija, kien ta’ sikwit ifittex dawn is-siti u kellu diversi incidenti fejn, verament laqqat il-*viruses*?”

Illi din il-Qorti, in vista ta’ dawn id-dubji nkwietanti, sabet illi ma tistghax, in koxxenza, tafda jew tatribwixxi, bi kredibilita’, it-testimonjanza ta’ *Ommissis A*, aktar u aktar bil-kuntrast ta’ l-assenza totali ta’ materjal pornografiku fl-apparat kompjuterizzat u fit-tlett mija u tmintax (318)-il DVD misjuba mir-residenza ta’ l-imputat u fid-dawl tal-genwinita’ tal-hbiberija  bejn il-familji illi sabet l-espressjoni fit-testimonjanza tant imqanqla ta’ missier l-istess *Ommissis A*.

Illi ghal dawn il-motivi u minkejja in-nota ta’ osservazzjoniet approfondita tal- Prosekuzzjoni, l-Qorti ssib lill-imputat Joe (Joseph) Galea, mhux hati skond l-akkuza u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------